Agent Direttur: ANT. CREMONA.

—

Ħlas 2/6 fis-sena. Ktieb wieħed 1/-
Dak li hu ħlas tar-rivista jinbagħat lil Victor Apap, Dingli Circus, Sliema.

IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI — SETTEMBRU 1945

# DUN KARM, D.Litt.

MINN dejjem kien li n-nazzjonijiet jippremjaw lil dawk li bil-ħidma, bil-għerf jew bil-għaqal tagħhom għamlu ġieh lil art twelidhom. Dan il-premju jingħata bħala foħrija lil min ħaqqu u bħala tħeġġiġa lil oħrajn biex dejjem aktar jagħmlu l-ħila u jħabirku ħalli jwettqu ħidma ta' fejda u jgħollu isem l-art li fiha twieldu.

Dak il-ġieh li jingħata jsarraf ftit jew wisq skond is-setgħa ta' min jagħtih: aktar ma jkun għoli min jagħti l-ġieh akbar tkun il-foħrija li titnissel minnu. Għalhekk meta l-Università Rjali tagħna qatgħet li tħaddan lil Dun Karm bħala wieħed minn uliedha u tagħnih bil-grad ta' Duttur, l-aqwa awtorità fil-qasam tal-għerf ta' pajjiżna tat xhieda ta' qima li tistħoqq lil Dun Karm għal kull ma għamel biex igħolli l-ilsien tagħna u jorqom il-letteratura ħalli ma tkunx anqas minn tal-barranin; u billi l-Università tagħna timxi bis-setgħa tal-Gvern, ifisser li l-Gvern ukoll għaraf il-ġieh li jistħoqqlu Dun Karm, il-President Onorarju tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" bħala l-ogħla poeta ta' Malta.

## Traduzzjonijiet bil-Malti

Dan l-aħħar qamet polemika fuq it-traduzzjonijiet bil-Malti. Bdiet Miss May Butcher, waħda mill-Membri Akkademiċi tal-"Għaqda" li kitbet ittra fit-"Times of Malta" u mbagħad is-soktaw oħrajn u kulħadd qal tiegħu. L-ittra ta' Miss Butcher kienet ta' fejda kbira u billi dehrilna li tiswa bħala twissija ta' kif għandhom isiru t-traduzzjonijiet, tlabna lis-Sur Godfrey Zarb Adami jaqlibhielna għall-Malti u ssibuha aktar lura. Aħna naqblu ma' Miss Butcher u bħalha jidhrilna li jkun ta' ġid kbir jekk jinqalbu għall-Malti xogħlijiet ta' Awturi kbar barranin ħalli mhux biss il-kittieba tagħna jkollhom xempju ta' kitba tajba imma l-qarrejja Maltin ukoll ikunu jistgħu jgawdu opri kbar barranin.

Din hija l-ittra ta' Miss May Butcher:—

Lill-Editur *Times of Malta*.

Sinjur — L-artikolu editorjali tiegħek li deher fil-ħarġa tat-30 ta' Ġunju taħt l-isem "Rumanzi Maltin" (Maltese Novels) interessani ħafna. Tippermettili nagħmel xi suġġerimenti fuq